

Brussell, 3 ta' Ġunju 2022
(OR. fr)

9611/22

SAN 322
PHARM 97
MI 428
AGRILEG 87

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Ħatra ta' erba' membri li jirrappreżentaw lis-soċjetà ċivili fil-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini

1. L-Artikolu 65(1) tar-Regolament (KE) Nru 726/2004¹ jipprevedi li l-Kunsill, f'konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew, għandu jaħtar żewġ rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tal-pazjenti (minn hawn 'il quddiem ir-"rappreżentanti tal-pazjenti"), rappreżentant tal-organizzazzjonijiet tat-tobba (minn hawn 'il quddiem ir-"rappreżentanti tat-tobba") u rappreżentant tal-organizzazzjonijiet tal-veterinarji (minn hawn 'il quddiem ir-"rappreżentant tal-veterinarji"), bħala membri tal-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA). Dawn l-erba' rappreżentanti għandhom jintgħażlu abbażi ta' lista mfassla mill-Kummissjoni.
2. Il-mandat tal-erba' rappreżentanti attwali ser jintemm fl-14 ta' Ġunju 2022.

¹ ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1.

3. Fl-10 ta' Frar 2022, il-Kunsill irċieva Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tinkludi lista ta' kandidati² li minnhom ser jintgħażlu l-erba' rappreżentanti msemmija hawn fuq. Il-lista tikkonsisti f'ħames kandidati għar-rappreżentanti tal-pazjenti, erba' kandidati għar-rappreżentant tat-tobba u żewġ kandidati għar-rappreżentant tal-veterinarji. Il-Kummissjoni pprovdiet ukoll il-*curriculum vitae* ta' kull kandidat.
4. Fl-24 ta' Mejju 2022, il-Kunsill irċieva ittra ufficjali³ mill-Parlament Ewropew li fiha ppreżenta l-fehmiet tiegħu għall-valutazzjoni tal-Kunsill dwar il-lista ta' kandidati.
5. Fl-1 ta' Ġunju 2022, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (minn hawn 'il quddiem il-Kumitat) qabel dwar il-proċedura għall-għażla tal-kandidati kif tinsab fl-Anness II għad-dokument 8810/22 REV 1. Abbażi ta' dan, il-Kumitat għażel żewġ rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tal-pazjenti, rappreżentant tal-organizzazzjonijiet tat-tobba u rappreżentant tal-organizzazzjonijiet tal-veterinarji għall-ħatra tagħhom bħala membri li jirrapreżentaw lis-soċjetà ċivili fil-Bord Amministrattiv tal-EMA. Il-Kumitat qabel unanimament li jirrakkomanda lill-Kunsill jaħtar dawn ir-rappreżentanti bil-bidu tal-mandat tagħhom fil-15 ta' Ġunju 2022.
6. **Il-Kumitat huwa mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill:**
- **jadotta d-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument 8904/22⁴ bħala punt "A" f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss**
 - u**
 - **jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.**

² 6057/22 + ADD 1

³ 8374/22

⁴ Dokument kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti.